MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1979/1999/1

Francis **GRIXTI**

vs

Godfrey **ELLUL SULLIVAN** u b’degriet tas-6 ta’ Ottubru, 2004, l-Avukat Dottor Martin Fenech u l-P.L. Luisa Tufigno nħatru Kuraturi Deputati biex jidhru għall-wirt tal-imħarrek Godfrey Ellul Sullivan li miet tul iż-żmien li kienet miexja l-kawża

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-13 ta’ Settembru, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-

Qorti (i) tikkundanna lill-imħarrek biex, fiż-żmien qasir li jogħġobha tiffissalu, joħroġ mill-*garage* mikri lilu bla numru imma li jġib l-isem ta' "*Connie Garage*", u kif ukoll mill-passaġġ fuq l-istess faċċata li jinfed mal-imsemmi *garage* li jinsabu fi Triq San Pawl, San Ġwann, liema *garage* u passaġġ huwa ġid tal-istess attur, u dan kollu kif miftiehem bejn l-attur u l-imħarrek fil-kuntratt tal-kirja lilu tal-imsemmija ambjenti, u dan sakemm l-attur ikun jista' jtemm xogħol ta' bini fuq l-arja tal-imsemmi ġid u biex il-binja tkun *in linea* mal-permessi tal-bini approvati; (ii) issib lill-imħarrek responsabbli għad-danni mġarrbin mill-attur minħabba r-rifjut tiegħu li jħalli li jsir ix-xogħol; (iii) tillikwida d-danni mġarrba mill-attur, jekk meħtieġ billi jitqabbad perit għal dan il-għan; u (iv) tikkundanna lill-imħarrek iħallas id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-7 ta' Ottubru, 1999, li biha laqa' għat-talbiet attriċi billi, b'mod preliminari, qal li ma kienx il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi għaliex il-kirja ngħatat lil kumpannija bl-isem ta' *Delicatessen Products Limited* u mhux lilu, liema kumpannija tmexxi n-negozju tagħha mill-fond mertu tal-każ u li kienet dejjem hi li ħallset il-kera. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad li hu qatt għamel xi ftehim mal-attur fis-sens imsemmi mill-attur, u wkoll kieku kellu jaċċetta li tassew kien hemm xi ftehim bħal dak, tali ftehim ma kienx jiswa fil-liġi għaliex imur kontra l-liġijiet ta' l-kera, u minħabba f'hekk, din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża dwar l-ewwel talba minħabba li talba bħal dik messha saret quddiem qorti oħra. Fl-aħħarnett, ċaħad li huwa qatt ikkawża danni lill-attur;

Rat il-provvediment mogħti minnha (diversament presjeduta) fil-11 ta' Ottubru, 2000[1] li bih ċaħdet it-talba tal-attur għat-tressiq ta' xhud tiegħu li ma kienx dikjarat minn qabel;

Rat is-sentenza preliminari tagħha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Marzu, 2002[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni

[1] Paġġ. 47 – 8 tal-proċess
[2] Paġġ. 146 sa 153 tal-proċess

preliminari tal-imħarrek dwar jekk huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

Rat il-provi mressqa mill-attur;

Rat li l-Kuraturi Deputati naqsu li jressqu provi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għal tneħħija temporanja ta' kerrej minn fond mikri lilu sakemm isir bini mis-sid f'ambjenti 'l fuq il-livell tal-post mikri lilu, u għall-ħlas tad-danni talli l-kerrej naqas li joħroġ mill-post kif mitlub;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek laqa', b'mod preliminari, billi qal li l-kawża ma messhiex saret kontrih għaliex il-post mnejn intalab joħroġ ma kienx mikri lilu imma lil kumpannija, u wkoll li din il-Qorti ma setgħetx tqis l-ewwel talba għaliex messha tressqet quddiem qorti oħra. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad li kien hemm xi ftehim li bih kien intrabat mal-attur li joħroġ mill-post meta jkun se' jsir xi bini ġdid, u wisq anqas li huwa jaħti lejh għal xi danni li l-attur jgħid li ġarrab minħabba dak in-nuqqas;

Illi l-ewwel eċċezzjoni tiegħu ma ntlaqgħetx b'sentenza preliminari mogħtija f'Marzu tal-2002;

Illi xi ftit xhur wara, l-imħarrek miet u ħadd mill-werrieta tiegħu ma resqu 'l quddiem biex jidħlu fil-kawża minfloku. Il-Qorti kellha tgħaddi għall-ħatra ta' kuraturi deputati biex jidhru għall-wirt tiegħu;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur huwa sid ta' għadd ta' garaxxijiet li jinsabu fi Triq San Pawl, San Ġwann. Sa mill-1982, l-attur kien beda jikri mill-imsemmija *garages* lill-imħarrek[3]. Fil-każ tal-*garage* mertu tal-każ, jirriżulta li dan, għall-ewwel, kien inkera lil wieħed Martin Micallef, iżda l-imħarrek kien ftiehem miegħu biex jibda jikrih hu mingħand l-attur u Micallef ħareġ mill-post. Fil-kitbiet li tressqu, l-attur żamm sħiħ il-jedd tiegħu li jibni fuq l-arja tal-*garages* mikrija, liema arja ma kenitx tagħmel mill-ftehim tal-kirja. Madankollu, l-kerrej ingħata l-jedd tal-ewwel għażla dwar ix-xiri tal-bini immedjatament imtella' fuq il-*garage* lilu mikri;

Illi f'xi żmien fl-1997, iben l-attur talab il-ħruġ tal-permess għal żvilupp ta' żewġ sulari ta' appartamenti fuq il-*garages* mikrija, bil-ħolqien ta' remissa kbira taħt il-bini kollu għall-*parking* ta' karozzi[4]. Dan l-iżvilupp kien jitlob li jitwaqqa' l-post mertu tal-kawża biex minfloku tgħaddi r-rampa mnejn il-karozzi setgħu jgħaddu biex jinżlu fir-remissa ta' taħt l-art[5]. Il-permess mitlub inħareġ f'Jannar tal-1999;

Illi meta l-kuntrattur imqabbad mill-attur ġie biex jibda x-xogħol, l-imħarrek ma riedx joħroġ mill-post sakemm l-attur ma jagħtihx garaxx ieħor f'dawk l-inħawi jew ħamsin elf lira Maltin (Lm 50,000)[6]. L-attur ma riedx jaf b'dan u l-bini baqa' ma sarx u l-permess waqa'. Iben l-attur, li kellu f'moħħu li jidħol joqgħod ġo wieħed mill-appartamenti li kellhom jittellgħu fil-proġett, kellu jmur isib joqgħod band'oħra u ħa self minn bank biex seta' jixtri dak il-post;

Illi l-kawża nfetħet f'Settembru tal-1999;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jifdal li din il-Qorti tagħmel huma tlieta: dik marbuta mat-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek dwar jekk din il-Qorti gandhiex is-setgħa li tqis l-ewwel talba; dik dwar x'kien sewwasew il-ftehim (jekk ftehim tassew kien hemm) dwar x'kien jista' jsir meta l-attur ikun sejjer jibda l-bini l-ġdid; u dik dwar id-danni li l-

[3] Ara Dokti f'paġġ. 78 sa 81 tal-proċess
[4] Dok "GG1", f'paġġ. 176 – 9 tal-proċess
[5] Xhieda ta' George Grixti 2.2.2005, f'paġ. 181 tal-proċess
[6] Xhieda tal-attur 29.11.2000, f'paġġ. 55 – 6 tal-proċess

attur jgħid li ġarrab minħabba l-allegat ksur tal-imsemmi ftehim;

Illi għal dak li jirrigwarda t-**tieni eċċezzjoni**, l-imħarrek jgħid li mqar jekk wieħed kellu jaċċetta li tassew kien hemm ftehim bejnu  u l-attur, kif jallega l-attur, ftehim bħal dak ma kienx jiswa għaliex imur kontra r-rieda tal-artikolu 13 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini[7]. Minħabba f'hekk, jgħid li l-ewwel talba li ressaq l-attur f'din il-kawża messha saret lill-Bord kompetenti u mhux lil din il-Qorti, kif irid l-artikolu 16 tal-imsemmija Ordinanza;

Illi minn dak li ħareġ mill-provi mressqa, ma jirriżultax li l-kirja li kien igawdi l-imħarrek ma saritx b'kitba jew ftehim dirett mal-attur, u dan billi l-post ħadu minn idejn il-kerrej li kien kera l-post.  Madankollu, ladarba l-attur bħala s-sid għaraf lill-imħarrek bħala l-kerrej il-ġdid, ma hemmx dubju li l-kirja li jgawdi l-imħarrek kienet qiegħda tiġġedded bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-liġi speċjali li tħares il-kirjiet tal-postijiet urbani.  Minbarra dan, minħabba li l-kirja favur l-imħarrek kienet waħda li bdiet qabel Ġunju tal-1995, jgħoddu għaliha d-dispożizzjonijiet tal-liġi kif kienet fis-seħħ f'dak iż-żmien u mhux dik li kienet bdiet tgħodd għal postijiet bħal dawn fl-2009[8];

Illi l-imħarrek jinqeda b'dawn iċ-ċirkostanzi biex iressaq l-argument li talbiet bħalma qiegħed jagħmel l-attur f'din il-kawża jista' jqishom biss il-Bord li Jirregola l-Kera u mhux il-qrati ta' ġurisdizzjoni "ordinarja" jew ġenerali.  Ladarba l-premessi tal-kawża tal-attur bl-ebda mod ma jinftehmu li l-imħarrek qiegħed iżomm il-post mikri bla m'għandu titolu, huwa jissottometti li waħedha toħroġ il-konklużjoni li biex jintemm it-titolu ta' kera fiż-żmien tat-tiġdid tal-kirja jrid ikun il-Bord li Jirregola l-Kera li jagħti deċiżjoni bħal din;

Illi min-naħa tiegħu, l-attur jargumenta li l-qofol tat-talba tiegħu hija dik li jordna lill-imħarrek jirrinunzja għal ftit żmien mit-tgawdija tal-post mikri, u dan sakemm jitlesta l-bini tal-arja li hemm fuq l-istess post, u għalhekk, f'każ bħal dan la huwa qed jitlob bidliet fil-kundizzjonijiet tal-kirja

---

7 Ord. XXI tal-1931 (Kap. 69)
8 Art. 1531M tal-Kap 16

u lanqas it-tneħħija tal-imħarrek mill-post jew l-awtorizżazzjoni li jieħu l-post lura mingħand l-imħarrek;

Illi huwa prinċipju elementari imma fondamentali li meta titqanqal kontestazzjoni dwar jekk Qorti li quddiemha titressaq kawża għandhiex il-kompetenza li tismagħha, hija dik il-Qorti li għandha tistħarreġ u tiddeċiedi dwar eċċezzjoni bħal dik fl-aspetti kollha tagħha. Daqstant ieħor huwa prinċipju aċċettat li din il-Qorti, bħala Qorti ta' kompetenza ordinarja, għandha s-setgħa li tisma' u taqta' dwar kull kwestjoni ta' għamla ċivili sakemm is-setgħa dwar kwestjoni bħal dik ma tkunx ġiet mogħtija lil tribunal speċjali b'liġi apposta[9];

Illi ingħad ukoll li l-kwestjoni ta' ġurisdizzjoni ta' tribunal speċjali, limitata kif inhi bil-kompetenza speċifika li liġi speċjali tagħtih, hija kwestjoni ta' ordni pubbliku[10], u ma tistax tiġi deċiża fuq bażi ta' ekwita' jew konvenjenza[11]. Kemm hu hekk, il-liġi nfisha trid[12] li fejn ikun il-każ, Qorti li ma tkunx waħda ta' appell għandha minn jeddha *ex ufficio* tiddikjara li m'għandhiex kompetenza, ukoll jekk ma tkunx tqajmet eċċezzjoni quddiemha f'dan is-sens;

Illi huwa fatt aċċettat li din il-Qorti hija meqjusa bħala t-tribunal ta' ġurisdizzjoni ordinarja, filwaqt li l-Bord li Jirregola l-Kera huwa meqjus bħala t-tribunal ta' ġurisdizzjoni speċjali (u limitata) fil-qasam tal-kirjiet ta' fondi urbani, sewwasew minħabba li twaqqaf u jinsab regolat b'liġi speċjali u sal-limiti mfissra f'dik il-liġi. Bħalma jingħad dejjem u mingħajr kontestazzjoni, it-tribunal speċjali għandu l-ġurisdizzjoni li tagħtih il-liġi li bis-saħħa tagħha huwa mwaqqaf u ma jistax iwessagħha iżjed minn dak li tagħtih dik l-istess liġi. Tista' tkun ġurisdizzjoni esklussiva, imma hija dejjem waħda li trid titwettaq fil-parametri stretti ta' dik l-istess liġi;

Illi l-problemi mnissla minn diffikuta' dwar liema tribunal għandu s-setgħa jisma' kwestjoni bejn kerrej u sid dwar il-kirja ilhom minn żmien twil li taw lok għal għadd bla qies

---

[9] App. Inf. **28.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.iii.319**)
[10] App. Ċiv. **28.2.1969** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Buġeja vs Giovanni Paċe*** (mhix pubblikata)
[11] App. Inf. **29.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima et vs Spagnol et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.1163**)
[12] Art. 774 tal-Kap 12

ta' deċiżjonijiet. Jingħad biss li l-Qrati tagħna stabilew, permezz ta' sentenzi, ċerti regoli li jiddeterminaw distinzjonijiet dwar is-setgħat ta' kompetenza wkoll fejn il-kwestjoni kienet tidher li taqa' taħt il-liġi speċjali[13];

Illi huwa fatt ukoll li n-natura ta' azzjoni tiddependi mill-għażla tal-parti li tibdiha, u hija determinabbli mis-sura ta' talbiet li dik il-parti tkun tathom. B'mod partikolari, il-kompetenza ma tiddependix fuq iż-żmien meta ssir it-talba iżda fuq il-materja tat-talba: b'mod li jekk is-sid qiegħed jitlob il-permess biex ma jġeddidx kirja, allura azzjoni bħal din trid tingħaraf mill-każ fejn is-sid qiegħed jitlob li tinħall kirja li ż-żmien tagħha jkun għadu għaddej, kemm jekk dak iż-żmien ikun iż-żmien oriġinali miftiehem u kif ukoll jekk dak iż-żmien ikun imġedded[14];

Illi f'din il-kawża, dak li wieħed imissu jqis huwa jekk l-azzjoni attriċi, kif imfassla, u t-talbiet hemm magħmula, tistax qatt tinstama' u tinqata' mill-Bord. Din il-Qorti ssib li l-azzjoni attriċi tmur lil hinn minn dik li hija l-kompetenza speċifika tal-imsemmi Bord taħt id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 69, u għalhekk, jidhrilha li l-attur għamel sewwa li ressaq din l-azzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti;

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis il-**kwestjoni dwar il-ftehim magħmul**. L-attur jisħaq li lill-imħarrek kien qallu mill-bidunett li, meta jkun irid jibni l-arja ta' fuq il-*garage*, il-kerrej irid joħroġ mill-post sakemm jintemm il-bini. Jgħid ukoll li l-imħarrek kien aċċetta din il-kundizzjoni[15] u li reġa' tenniha ftit taż-żmien qabel mal-attur kellu jġib lill-kuntrattur biex jibda l-bini[16]. Madankolu, għalkemm f'xi żmien allega li kienet saret karta f'dan is-sens li l-oriġinal tagħha żammu l-imħarrek, l-attur jistqarr li dan il-ftehim sar biss bil-fomm u ma jeżisti l-ebda dokument li jixhed dak il-qbil;

[13] App. Kumm. **11.5.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Borġ vs Edward Bartlett et,*** (mhix pubblikata) u s-sentenzi hemm imsemmija
[14] P.A. GCD **30.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Rev. David Morris noe vs Avukat Rachel Bonello et***
[15] Xhieda tal-attur 9.6.2000, f'paġ. 28 tal-proċess
[16] *Ibid*. 29.11.2000, f'paġ. 55 tal-proċess

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek jiċħad dan u jgħid li ma kienx minnu li kien hemm ftehim jew qbil bejnu u l-attur biex joħroġ mill-*garage* mikri lilu f'xi żmien sakemm iddum għaddejja l-kirja. Huwa jisħaq li ma seta' qatt qabel dwar kundizzjoni li ġġib fix-xejn il-jeddijiet tiegħu fuq il-post bħala l-kerrej;

Illi f'dan il-każ, il-Qorti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet kuntrastanti dwar din iċ-ċirkostanza. Xogħol din il-Qorti hu li tara li tasal għall-fehma tagħha wara li tgħarbel il-provi – mixhuda u dokumentali – li jkollha quddiemha u li tislet minnhom dawk li jidhrilha l-aktar xierqa biex isaħħu u jsejsu l-istess fehma tagħha;

Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli[17]. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni[18]. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li *actore non probante reus absolvitur*[19]. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[20]. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[21];

[17] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[18] Ara, per eżempju, P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[19] Ara, per eżempju, P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.***
[20] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***
[21] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***

Illi minn dawn il-prinċipji, jirriżulta li l-prova li tassew kien hemm ftehim fis-sens li jrid l-attur kienet taqa' fuq l-attur innifsu, u dan l-aktar minħabba li ma hemmx kitba li tixhed ftehim bħal dak. Il-Qorti, wara li qieset il-provi kollha, ma ssibx li l-attur seħħlu juri tajjeb biżżejjed li tassew kien hemm ftehim f'dan is-sens bejnu u l-imħarrek. Fl-ewwel lok, jekk wieħed kellu jħares lejn iż-żewġ ftehim ta' kirja li l-attur innifsu ressaq kopja tagħhom fl-atti ta' din il-kawża[22], fl-ebda wieħed minnhom ma hemm klawsola fis-sens li l-kerrej kellu joħroġ mill-post mikri lilu sakemm isir il-bini fl-arja ta' fuq il-post mikri. Fl-istess waqt, il-fatt li s-sid (l-attur) seta' jibni l-imsemmija arja kien maħsub u espressament pattwit, iżda b'dan kollu, ma jissemma mkien li l-jedd tal-inkwilinat kellu jkun sospiż imqar għal żmien sakemm jintemm il-bini. Fit-tieni lok, fl-imsemmija żewġ ftehim (li l-ebda wieħed minnhom ma jirreferi għall-fond mertu ta' dan il-każ), il-kirja kienet qiegħda tingħata lill-istess persuna li hija l-imħarrek fil-kawża tal-lum. Wieħed għalhekk, jaraha ftit inkongruwa li l-attur jallega l-eżistenza tal-ftehim tal-iżgumbrament sewwasew fil-post li dwaru ma sarx ftehim ta' kirja dirett mal-imħarrek. Fit-tielet lok, meta xehed iben l-attur, il-fehma murija ma kinitx taqbel mal-premessi li fuqhom missieru l-attur bena l-kawża tiegħu, għaliex dak ix-xhud qal li l-proġett tal-binja kien jaħseb għat-twaqqigħ tal-*garage* mertu tal-każ, u mhux sempliċement għal jedd tal-aċċess biex ikun jista' jsir il-bini tal-arja u l-ambjenti 'l fuq minnu. It-twaqqigħ tal-*garage* (u ta' ieħor imiss miegħu "mikri lil ċertu Colombo"[23]) kien ifisser it-tneħħija b'mod permanenti tal-imħarrek mill-post u mhux biss is-sospensjoni tat-tgawdija tal-kirja sakemm jintemm il-bini;

Illi dawn il-fatturi kollha jwasslu lill-Qorti biex issib li ma kien hemm l-ebda ftehim esegwibbli favur l-attur li bih sata' jitlob lill-imħarrek joħroġ mill-post mikri, u għalhekk, jonqos wieħed mill-elementi essenzjali li fuqhom tissejjes l-ewwel talba attriċi;

Illi minħabba f'hekk, l-ewwel talba ma hijiex tajba u l-Qorti m'hix sejra tilqagħha;

---
[22] Dokti f'paġġ. 78 sa 83 tal-proċess
[23] Xhieda ta' George Grixti 2.2.2005, f'paġ. 181 tal-proċess

Illi minħabba fil-fehma li l-Qorti waslet għaliha dwar l-ewwel talba, isegwi li **t-talbiet l-oħrajn attriċi** ma jistgħux jintlaqgħu lanqas. Jekk ma kienx hemm ftehim, wisq anqas jista' jingħad li l-imħarrek kisru bir-rifjut tiegħu li joħroġ mill-post meta ntalab li jagħmel dan. Ukoll jekk kien minnu li l-imħarrek ressaq lill-attur talba ta' kumpens ta' somma flus jew is-sejbien ta' post alternattiv, dan ma jfissirx li kien hemm xi ftehim jew li l-imġiba tal-imħarrek kienet waħda li tnissel il-jedd tal-kumpens fl-attur. L-azzjoni attriċi f'dan ir-rigward tinbena fuq il-premessa li d-danni ġġarrbu għaliex l-imħarrek ma żammx kelmtu li joħroġ mill-post mikri lilu u mhux għaliex biex joħroġ mill-post ressaq talbiet inġustifikati. Ladarba huwa hekk, u ladarba l-Qorti sabet li ma kienx hemm tassew ftehim dwar il-ħruġ mill-post f'dawk iċ-ċirkostanzi, lanqas ma tista' l-Qorti ssib li l-imħarrek kien jaħti għad-danni lejn l-attur. Biex jingħad kollox, ukoll kieku l-Qorti kellha ssib li l-imħarrek jaħti lejn l-attur għall-ħlas ta' xi kumpens, tali kumpens ried ikun dak li jirreferi għall-ħsara mġarrba mill-attur innifsu u mhux ukoll dak li ġarrab ibnu (li m'huwiex attur f'din il-kawża), kif jidher li jippretendi l-attur f'waħda mill-partiti tal-prospett tad-danni mressaq minnu fl-atti ta' din il-kawża[24];

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek huma tajbin u t-talbiet attriċi ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet tal-attur** billi ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra tiegħu, ħlief għal dawk marbutin mas-sentenza preliminari tat-22 ta' Marzu, 2002, li jbatihom l-imħarrek.

---

[24] Paġġ. 184 – 5 tal-proċess

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------